**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Frar, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-vs-**

**Giuseppe Azzopardi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 753355M**

*Kumpilazzjoni Nru. 318/2015*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuseppe Azzopardi u ċioè talli:

1. F'Settembru u Ottubru, 2010, appropja billi dawwar bi profit għalih jew għal persuni oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentemżu €2,329.37, li ġiet fdata lilu taħt titolu ili jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata jew kunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessaju għad-dannu ta' Marco Moise (passaport numru AA2850009) u/jew Moi Mar di Marco Moise.

2. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza'

dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentemżu €2,329.37, ghad-dannu ta' Marco Moise (passaport numru AA2850009) u/jew Moi Mar di Marco Moise.

3. Sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversement preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
d) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) Fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jikkoncerna kunsinna ta' rham li ntbgahtet lill-imputat mill-parte leza, u dwar liema kunsinna baqa' ma sarx hlas.

Illi l-imputat jikkontendi li l-hlas ma sarx minhabba li l-rham mibghut kien difettuz u cioe` ma kienx tal-kwalita` mistennija. Madanakollu, anke jekk hekk kien il-kaz, dan l-argument ma jezonerax lill-istess imputat mill-azzjonijiet tieghu mwettqa <u>**qabel** ma gie rilaxxat f'idejh l-irham</u>. Sabiex l-imputat seta' jikkonstata li l-irham kien diffetuz kif inghad, necessarjament ifisser li hu kien diga` ha l-pussess tal-irham.

Illi l-akkuzi addebitati lilu jikkoncernaw **il-kondotta tieghu li permezz taghha wassal sabiex il-parte leza tghaddilu l-irham, u ghalhekk dak li**

---

[1] Fol.151

**sehh qabel ma l-irham gie fil-pussess tieghu,** u mhux dwar dak li kkonstata wara li ha pussess tal-merkanzija in kwistjoni. Isegwi li dak kollu li sehh wara, u cioe` meta tqajjmet il-kwistjoni jekk l-irham kienx tal-kwalita` mistennija o meno, jaqa' lil hinn mill-parametri ta' dawn l-akkuzi; apparti li l-kwistjoni tibqa' dejjem wahda interament ta' natura civili. Ghaldaqstant ix-xhieda tal-imputat kif ukoll tal-parte leza rigward jekk hux minnu li l-irham kien ta' kwalita` inferjuri, ma ghandha l-ebda rilevanza fuq il-fatti mertu tal-akkuzi migjuba u mhux ser issir riferenza ghaliha.

Illi minn *emails* esebiti mill-parte leza jirrizulta li l-irham gie mehlus mid-Dwana wara li fl-4 ta' Novembru, 2010, l-istess parte leza ta struzzjonijiet f'dak is-sens.[2] Moise kien baghat din il-kommunikazzjoni lil Messina Line fil-10:26am ta' dakinhar meta aktar qabel, fit-28 t'Ottubru, 2010, fil-15:09hrs, kien wissihom sabiex ma jikkonsenjawx il-container. **Ghalhekk il-Qorti trid tara x'wassal sabiex bejn it-28.10.10 u l-04.11.10 l-merkanzija ghaddiet fil-pussess tal-imputat. Hu dan il-pern tal-akkuzi kontestati lill-imputat!**

Illi mill-atti esebiti jirrizulta li wara li kien ntbaghat container irham,[3] il-parte leza, **Marco Moise`, kien ordna r-rilaxx tal-istess f'idejn l-imputat wara li d-29 t'Ottubru, 2010, ircieva 'dokument bankarju' li kien jindika li kien sar hlas fl-ammont precedentement indikat fl-invoice (€13, 516.48)[4] li precedentement kien baghat lill-imputat** (fil-fatt l-ammont fuq id-dokument bankarju kien ta' €13,525).[5] Minn *email* mibghuta mill-imputat lill-parte leza nhar l-4 ta' Novembru, 2010, jirrizulta li dakinhar l-imputat kien ha f'idejh il-containers.

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta'

---

[2] Fol.135.

[33] Dwar it-tieni container dan jidher li kien biss fl-4 ta' Novembru, 2010 li l-imputat baghat l-invoice; vide email a fol.76, **Dok. MM3** dwaru u ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-akkuzi hu cirkoskritti ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru, 2010, it-tieni container ma jinkwadrax f'dawn l-akkuzi.

[4] **Dok. MM1** a fol.73

[5] **Dok. MM2** a fol.75

frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, bl-ahhar zewg reati ikunu dawk ravvizati fit-tieni u fl-ewwel akkuza rispettivament:[6]

Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.

F'dik id-decizjoni l-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [7]

Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[8], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai**

---

[6] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

[7] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[8] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

**deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[9]

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti ghall-awtur Majno tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li:

Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.[10]

Fil-fatt kien bil-promulgazzjoni tal-**Ordinanza VIII tal-1909** li d-disposizzjonijiet introdotti bl-**Ordinanza IV tal-1984**[11] gew sostitwiti bid-dispozizzjonijiet (artikoli 295 u 296)[12] li jikkorispondu mal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Kien ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha **Sua Maesta il Re vs Giuseppe Felice** iddecidiet:

Attesocche' nei termini dell'articolo 295 delle Leggi Criminali come emendato coll'articolo 28 dell' Ordinanza VIII del 1909, conforme all' articolo 417 Codice Penale pel Regno d'Italia "commette frode chiunque si appropria convertendola in profitto di se' o di un terzo una cosa altrui che gli sia stata affidata e consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restiturila o di farne un uso determinato.

---

[9] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

[10] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015 mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

[11] 276. Chiunque, avendo ricevuto la cosa altrui in deposito volontario o per uso determinato, per causa di lucro negasse la ricezione, od allegasse un falso motivo per liberarsi dall' obbligo della restituzione, sara' punito coi lavori forzati o colla prigionia da due a nove mesi.

[12] 295. Chiunque si appropria, convertendola in profitto di se' o di un terzo, una cosa altrui che gli sia stata affidata o consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato, sara' punito, a querela di parte, coi lavori forzati o colla prigionia fino a nove mesi

296. La pena e' da cinque mesi ad un anno, e si procede di ufficio, quando il delitto preveduto nell' articolo precedente sia commesso sulle cose affidate o consegnate per ragione di professione, industria, commercio, azienda, ufficio, servizio, o deposito necessario.

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[13]

Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[14]

The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. …..

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Illi fil-kawza gja citata I**l-Pulizija vs Paul Portelli**, il-Qorti spjegat kif -

*huwa **t-titolu**, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

Dik il-Qorti kompliet hekk:

**15**. Di fatti, l-awtur Luigi Majno dwar dan l-element jgħid:

"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[15]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

---

[13] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[14] **Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

[15] Luigi Majno, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[16] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[17]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

[16] Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013.
[17] Deciza 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imhallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Fuq dan l-insenjament isegwi li r-reat ravvizat bl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jeskludi it-trasferiment tad-dominju fuq l-oggett bhal ma gara f'dan il-kaz fejn l-irham gie mghoddi lill-imputat fuq tranzazzjoni ta' bejgh.

Illi tenut kont tal-fatt li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma alternattivi, u li l-fattispeci ta' dan il-kaz qatt ma jistghu jinkwadraw fir-reat ta' approprijazzjoni indebita, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ta' frodi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti dan ir-reat:[18]

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[19]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji gie kunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni idebita:[20]

Fi kliem Antolisei[21]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da*

---

[18] Deciza 15.12.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke

[19] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata

[20] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[21] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[22].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[23]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[24]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

---

[22] Op cit pagna 357

[23] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deciza 20.06.1997

[24] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, <u>la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto</u>. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-<u>persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali</u> bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** [emfazi tal-Qorti]

Illi **Marco Moise**, il-parte leza, xehed kif l-imputat kien ghamel ordni ta' irham wara li kien ltaqa' mieghu l-Italja, liema ordni giet tiswa €13,516.[25] Bhala garanzija ta' hlas l-imputat kien ghaddielu cekk mahrug fuq isem certu John Vella li f'dawn il-proceduri baqa' ma giex identifikat ulterjorment. Kien hemm intendiment li dan ic-cheque ma kellux jisarraf u kien gie *post-dated* b'xahar. Irrizulta li wara li l-imputat baqa' ma rceviex il-hlas ghall-irham mibghut, fl-14 ta' Jannar, 2011, kien prova jsarraf ic-cekk izda dan gie referred to drawer fl-20 ta' Jannar, 2011.[26] *"Kien ghamel post dated cheque b' xahar .....<u>Ic-cheque imma kien se jitqatta gialadarba inkun ircevejt il-flus minghandu wara li jkun wasal il-materjal</u>.... Dak tahieli bhala garanzija sabiex jien nilhaq nibghatlu l-materjal kien <u>bhala l-ewwel invoice, bhala l-ewwel pagament biex iserrahli rasi ghall-ewwel pagament</u>".*[27]

Illi ma jistax ma jigix osservat mill-ewwel nett li anke rigward dan ic-cekk l-imputat kien qarrieqi w inveritjier meta fl-istqarrija tieghu jasal biex jghid li l-ammont ta' €13,516 *"wasalna sabiex il-prezz jinzel ghal circa €15,000 ftehmna kollox u jiena kont bghatlu cekk ta' €13,516 li huwa l-bilanc li*

---

[25] Dok. MM1 a fol.73
[26] Dok. MM a fol.72
[27] Fol.36-37

*kien ghad fadal mill-kont wara li tnaqqas id-depozitu ta' €2,500. Gara imma li dan Marco ried li jiena nhallsu l-ammont kollu ta' €15,000 minghajr ma jitnaqqas id-depozitu. Sa dan it-tant jiena kont bghat ic-cekk imma peress li kelli dan il-battibek, jiena kont ghamilt 'stop payment' fuq ic-cekk li kont hrigt".*[28] Apparti li ma jaghmilx sens li ghandhek twaqqaf cekk ghax l-ammont pretiz huwa iktar, kuntrarjament ghal meta dak dovut hu inqas, il-fatti ma jikkonfortawx din il-verzjoni:

Kif qatt seta' dak ic-cheque ikun jirraprezenta l-ammont tal-prezz ridott wara dizgwid fuq il-kwalita` tal-irham, jekk ic-cheque inhareg fis-16 t'Ottubru, 2010 izda l-irham biss biss gie zdoganat fl-4 ta' Novembru, 2010?

Jekk l-irham gie fil-pussess tieghu wara l-4 ta' Novembru, 2010, kif seta` xahar qabel ma l-irham wasal ghandu (anzi xahrejn qabel sahansitra minn Settembru meta nhareg ic-cekk) kien gja sar maghruf li l-irham ma kienx tal-kwalita` mistennija? Kien daqshekk veggent l-imputat?

Illi aktar ghandu mis-sewwa dak li jixhed Moise meta jghid li dak ic-cekk inhareg fis-16 ta' Settembru, 2010, u gie *post-dated* b'xahar in konsiderazzjoni tal-*invoice* li ggib l-istess data tas-16 ta' Settembru, 2010!

Illi Moise ikompli li kien lahaq ftehim mal-imputat li *"Huwa kellu jhallas qabel ma jiehu l-container minn hawn Malta qabel ma jirtira l-container minn Malta…".*[29] Gara li l-container wasal il-port izda l-imputat baqa' ma hallasx il-prezz tal-merkanzija li kienet inbieghet lilu u ghalhekk l-parte leza baqa' ma rrilaxxax il-container. Kienu bdew iccemplulu l-burdnara sabiex jaraw meta il-merkanzija kienet ser tigi rilaxxata ghaliex kemm il-darba il-materjal ma jinharigx fi zmien stipulat jibdew jigu inkorsi spejjez li kien ser ibattihom il-parte leza.[30] Ikompli *"Jiena hallejt il-container hemm ghal sitt ijiem. Imbaghad hemmhekk kien cempilli l-Burdnar u qalli isma' hawnhekk jekk ser thallih hawn se jitilghu iktar l-spejjez ghax dan ghadu ma gibidhomx, ma hadhomx".* Sussegwentement kien ghamel kuntatt mal-imputat permezz ta' *emails* li qeghdin esebiti in atti, sabiex isir il-hlas u b'hekk ikun f'posizzjoni li jirrilaxxa l-containers.[31]

[28] Dok. JF; Fol.21
[29] Fol.38
[30] Fol.38-39
[31] Fol.39

Minn dawn *emails* hemm wahda mibghuta mill-imputat lill-parte leza li fiha jinghad *"Grazie x lo sforzo x il carico.* ***Ho le copie provisorie dalla banca. Ti invio le copie il Lunedi mattina****"*[32] Fit-22 t'Ottubru, 2010, l-imputat kien ukoll baghat email fejn indika li kien qed jaghmel sforzi sabiex issir il-pagament, inkluz ghal statwa li kienet inxtrat ghan-nom tieghu mill-parte leza *"**Dovro aver le entrambi copie dalla Banca oggi o domani e le trasmetto via fax**"*.[33] Dan jixhed li **l-imputat nissel stennija fil-parte leza li permezz ta' dokumenti bankarji li kien ser jibghatlu b'fax, kien ser jaghtih il-prova necessarja sabiex Moise ikun jista' jirrilaxxa l-merkanzija li ordna l-imputat**!

Fil-fatt nhar **id-29 t'Ottubru, 2010, fil-09:52am**, minn fuq in-numru 21415387 (intestat fuq il-fax li jirrizulta jappartjeni l-azienda tal-imputat u cioe` il-Bottega del Marmista) li hu l-isem anke miktub fuq in-naha ta'wara tac-cekk[34] flimkien mal-kliem "BDM-Malta", liema cekk hemm qbil dwaru li kien nhareg mill-imputat,[35] l-imputat baghat dokument bankarju lill-parte leza li fih jidher l-ammont bhala "Net Credit Amount : EUR 13,525.00)".[36]

Illi Moise jghid dan dwar dan id-dokument: ***"Huwa kien baghtli l-ircevuta, kien baghtli ricevuta li kien hallas..... Huwa kien qalli li kien hallas u kien baghtli din l-ircevuta sabiex jiena inhallilu l-containers u jkun jista' johodhom... Huwa kien baghtli dik il-karta u kien qalli li huwa l-bank transfer....."***[37] In segwitu f'*email* mibghuta minn Moise lill-imputat fl-4 ta' Novembru, 2010, l-imputat gie infurmat mill-parte leza li *"come da Nostri accordi ho appena sbloccato il contenitore"*[38] li b'risposta l-imputat qallu *"Grazie Marco e ci sentiamo subito che scarico il container"*.[39]

Dak li jixhed Marco Moise hu ghall-kollox korroborat mill-*emails* esebiti. Wara li fid-29 t'Ottubru, 2010, rcieva dan id-dokument li f'ghajnejn l-parte leza kien "il-bank transfer" li kien qed jistenna jibghatlu l-imputat bhala prova tal-hlas ghall-merkanzija, fl-4 ta' Novembru, 2010 fil-

[32] Fol.77
[33] Fol.78
[34] Dok.MM a fol.72
[35] Bottega Del Marmista, l-azienda tal-imputat li hemm qbil li nhareg mill-imputat.
[36] Dok.MM 2 a fol.75
[37] Fol.39-40
[38] Fol.77
[39] Ibid.

10:26am Moise baghat email lil Messina Line fejn ta struzzjonijiet biex jirrilaxxaw il-container ***"Vi autorizo ufficialmente a sbloccare il conatiner in oggetto"***.[40] Kif gja ntqal aktar il-fuq il-parte leza ma kienx lest jirrilaxxa l-container qabel ma kien rcieva prova tal-hlas mill-imputat tant li jiem qabel, fit-28 t'Ottubru, 2010, fil-15:09hrs, kien wissihom *"Vi ricordo cortesemente di NON CONSEGANRE IL CONTAINER".*[41]

**Mhemmx dubbju li kif jixhed Moise kien ddecieda li jirrilaxxa l-container wara li fid-29 t'Ottubru, 2010, kif imwieghed mill-imputat, kien rcieva id-dokument li skond l-imputat kien jirraprezenta prova li kien effettwa l-hlas.**

Dan l-ingann daqstant iehor kompla jigi perpetwat u l-finzjoni drammatika li holoq l-imputat issoktat meta wara li fit-8 ta' Novembru, 2010, Moise staqsa lill-imputat jekk kienx ra l-materjal mibghut lilu, l-imputat wiegbu *"Noi abbiamo scaricato ieri il container….OGGI VADO DI NUOVO IN Banca e se loro non mi danno una risposta definittiva, vancello il bonificio e chiedo risarcimento, to tengo informato".*[42] Indikazzjoni cjara li kif xehed quddiem din il-qorti Moise, kien baqa' jistenna t-trasferiment tal-flejjes fil-kont bankarju tieghu, kien baqa' ma thallasx u lmenta dwar dan mal-imputat. Mix-xhieda moghtija u mill-emails *esebiti* jirrizulta li **kien biss wara li kien ha f'idejh l-irham li l-imputat beda jilmenta dwar il-kwalita` difettuza u inferjuri tieghu bhala gustifikazzjoni ghaliex ma kellux issir il-hlas lil Moise.** Kien ghalhekk li kif inghad mill-bidu nett, il-qerq tal-imputat li ppersista sa meta gie interrogat kif ukoll quddiem din il-qorti meta ta x-xhieda tieghu, jigi mxejjen mill-fatti li jirrendu l-'ispjegazzjoni' (li ghar-raguni wara nnuqqas ta' hlas), xejn ghajr kontinwazzjoni tal-produzzjoni tejatrali li holoq sa minn zmien qabel meta baghat dak li kien intiz biex jidher bhala prova bankarja tal-hlas lill-parte leza.

Il-Qorti gja kellha okkazzjoni tirrimarka li mhix ser tidhol f'dak li sehh wara li l-imputat ha f'idejh il-materjal – 4.11.2010 - izda ser tiffoka biss fuq dak li sehh sabiex effetivament il-materjal spicca zdoganat u f'idejn

---

[40] Fol.135.

[41] Fol.136

[42] Dok.MM3 a fol.76

l-imputat wara li l-parte leza awtorizza r-rilaxx tieghua wara id-dokument li Azzopardi ttramettielu b'fax fid-29 t'Ottubru, 2010.

Jinghad biss li Moise spjega kif bejnu u l-imputat *"Kien hemm hafna emails, pruvajt naghmel kuntatt mieghu kuljum. Bdejt insaqsi ghal spjegazzjonijiet dwar ghaliex il-pagament kien ghadu ma giex effetwat u hemm hafna skuzi bejn problemi ta' sahha, impenji u anki skuzi minhabba l-Bank. U hemm email partikolari fejn tghid li jiena t-transfer tat-tlettax –il elf kont ghamiltu. Din l-email tghid ukoll li dakinhar filghodu kellu jmur il-Bank biex nara x' kien gara ghax hu kien qed jghid li t-tort kien tal-Bank."*[43] Meta ra li l-isforzi tieghu ma wasslu mkien ipprova jsarraf ic-cekk li appuntu kien thalla bhala garanzija ta' hlas sa mis-16 ta' Settembru, 2010! *"Jiena mort il-Bank tieghi u mort biex niddepozitah… Wara 6 jew 7 ijiem ic-cheque gie lura bbownsja. Ic-cheque gie lura, ibbownsja, hallast l-ispejjez tal-bank tieghi u tal-Bank Bank of Valletta".*[44] Mic-cheque innifsu jirrizulta li kien ipprova jissarraf fl-14 ta' Jannar, 2011, u dan gie *referred to drawer* fl-20 ta' Jannar, 2011.[45] Jikkonferma li fiz-zmien li sehh "il-bank transfer" ma kien hemm ebda lment dwar il-kwalita` tal-irham; fatt ovvju peress li l-imputat ha f'idejh l-irham u seta' jilmenta dwaru wara li wera lill-parte leza li kien ghamel "bank transfer" u li in konsiderazzjoni tal-istess gie rilaxxat l-irham!

Il-kontro-ezami tal-parte leza jikkoncerna fuq l-ilment ventilat mill-imputat dwar il-kwalita` u d-difetti tal-irham, kwistjoni interament ta' indoli civili, u ghaldaqstant mhux mertu ta' dawn il-proceduri. Dak li hu ta' rilevanza hu l-mottiv li spingieh jordna r-rilaxx tal-irham *"hu kien tkellem mieghu [Azzopardi] telefonikament u kien qallu li dak li qed jibghatlu huwa biex jurih li dak li qed jibghatlu huwa li qed jibghatlu l-merkanzija…il Signor Azzopardi mi ha telefonato una mattina, mi sembra che era sulla tarda mattinata se non ricordo male mi* ***ha detto ho fatto il bonifico, ritiro la ricevuta via fax per farti vedere che ho fatto il bonifico.*** *Io ho ricevuto….* ***ha fatto il bonifico e mi ha detto ti giro la ricevuta della banca****…"*[46].

Mistoqsi jekk setghax kien zbaljat dwar jekk id-dokument mibghut lilu kienx evidenza tal-<u>bank transfer</u> jew ta' <u>garanzija</u> li kien hemm bizzejjed

---

[43] Fol.43
[44] Fol.46
[45] Dok. MM a fol.72
[46] Fol.63-64

fondi li minnhom seta' jsir il-hlas, Moise hu kategoriku: *"Neskludi li qatt qalli li dan kien biex jurini li ghandi fondi. ….. Nikkonferma li lili kien qalli ha jurini li baghtli l-pagament … C' e' la data sul fax. Se confrontiamo la data sul Fax u cerciamo l' email dove io ho sbloccato il materiale …"*.[47]

Illi mill-atti jirrizulta li dan kollu kien gja gie kommunikat lill-imputat perezz ta' email mibghuta il-21 ta' Jannar, 2011 wara li ic-cekk ma kienx issarraf ***"Sei stato buggardo perche mi avevi garantito che il bonificio lo evevi fatto, mandandomi anche la ricevuta deal Tua banca ma non era cosi. Quella e' stata solamente una TRUFFA!"***. Interessanti li minflok li l-imputat ma kkontesta li dak id-dokument ma kienx prova li kien ghamel il-bank transfer izda, kif tikkontendi id-difiza, garanzija li kien hemm flus sufficjenti l-bank sabiex ikopru l-ammont dovut, l-imputat jirrispondi lil Moise u jghidlu biss *"Mi hai mandato della MERDA. E sto nella merda IO. Saluti"*.[48]

Illi dwar it-tezi tad-difiza li dak li Azzopardi kien baghat lil Moise kienet biss manifestazzjoni li kellu bizzejjed flus il-bank biex jaghmlu tajjeb ghall-bejgh, il-Qorti tistaqsi: imma x'raggunament kien dan sabiex jintwera li kien hemm fondi bizzejjed f'mument meta l-ammont kien likwidu, cert u dovut? Ghaliex minflok ma qabad u ghadda l-hlas, kondizzjoni ghar-rilaxx tal-merkanzija, qaghad jiehu l-izbriga jibghat baghat forma ta' garanzija? Raggunament li jnissel perplessita` precizament ghaliex hu kummercjalment insensat!

Illi l-Qorti kienet tistenna li persuna li hekk kif Moise akkuza lill-imputat b'ingann "TRUFFA" tigi akkuzata b'ingann tibda biex tirribatti tali akkuza u tmur oltre` billi, anke jekk unikament b'rispett ghall-integrita` u r-reputazzjoni taghha nfisha – li tant ghamel emfazi dwarha l-imputat fil-kors tad-depozizzjoni tieghu – tirrespingi bil-qawwa dawk l-akkuzi u turi kif dak allegat mhux il-kaz. Hemm mankanza totali ta xi sforz mill-imputat biex juri li hu qatt ma pprova jinganna lill-parte leza!

Illi fil-fatt **Joanna Bartolo,** rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc., xehdet li ma jezisti l-ebda *float account* mal-BOV izda il-kelma *float* tintuza meta jkun hemm depozitu ta' cekk mal-bank li pero` ma jkunx tal-BOV sakemm jigi cleared *"jekk ikun cekk lokali jkollu three days*

[47] Fol.64
[48] Fol.115

*clearance, jekk ikun cekk Ingliz ikollu thirty day clearance, cekk Amerikan forty days, skond, and that dik hija wahat we call a float"*[49] Murija d-dokument allegatament ta' float account, Dok. MM2,[50] *"no ma nikkonfermax no,....I mean ili thirty one years il-bank u **qatt ma smajt bi float account**".*[51]

Illi dan jixhed kemm **id-dokument trasmess lil Moise kien dokument intiz biex jinganna lil Moise billi itieh x'jifhem li dak id-dokument kien prova tat-trasferiment ta' flejjes** dovuti lilu ghal irham ordnat. Appena Moise rcieva d-dokument, kien ingenwu bizzejjed jew gentlom izzejjed li ma stenniex li effettivament il-flus jidhlu fil-kont bankarju tieghu izda ta l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex il-container jigi zdoganat u rrilaxxat. B'hekk l-imputat ha f'idejh l-irham minghajr ma kien sar il-pagament dovut lil Moise.

Illi **Giuseppe Azzopardi**, l-imputat, ghazel li jixhed. Izda ix-xhieda tieghu tiffoka fuq dak li skond hu kien il-kawza ta' divergenza bejnu u bejn Moise, u cioe` dwar kemm l-irham ma kienx tal-kwalita` pattwita ghax kien difettuz. Ma jinghad xejn dwar il-kondotta tieghu qabel ma ottjena f'idejh l-irham, u cioe` dak li jikkostitwixxi l-mertu tal-akkuzi addebitati lilu! "*Il-materjal mill-esperjenza tieghi, u nista nghidlek jigifieri li kelli xi hamsa u tletin sena diga' esperjenza f'dan ix-xoghol, il-materjal li ntbaghat kien kwazi karta xuga, jigifieri meta nghidu karta xuga jigifieri wwarpjat kollu, haxix, bebbux, jigifieri kien jidher li tal-inqas kien ilu bejn hamsa u sitt snin maqtugh."*[52] Issemmi biss – u hawn jikkonferma dak li xehed Moise u cioe` li c-cheque inghatalu f'Settembru bhala garanzija *"jiena ntih cheque bhala garanzija li gheluq ix-xhar it-30 days hu jista' jigi u jigbru l-flus jew inkella nibghathomlu."*[53] Ikompli li l-ftehim kien li Moise jithallas *"30 days after arrival of material, ir-rilaxxament mill-port jigifieri"*[54] – izda dwar dan l-arrangament ma ngiebet ebda prova sal-grad tal-probbabbli, anzi l-provi juru li Moise ma kienx lest jizdogana l-irham qabel ma accerta ruhu li l-hlas kien gie effetwat!! L-imputat ikompli jsib diffikulta` joffri spjegazzjoni logika ghaliex kemm il-darba l-materjal

---

[49] Fol.145
[50] Fol.75
[51] Fol.146
[52] Fol.159
[53] Fol.162
[54] Fol.163

kien diffettuz kif ikkontenda, baqa' ma baghtux lura lil Moise jew ma fetahx kawza civili ghad-danni li jallega li sofra.[55]

Illi wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda u l-provi migjuba quddiema, ma ssib ebda ezitazzjoni milli tistqarr bil-konviciment morali kollu mistenni minnha illi dak li jghid l-imputat ma jgawdi minn ebda xrara ta' verita`. Azzopardi wasal jinganna lil Moise izda ma rnexxilux jaghmel l-istess mal-gustizzja.

Illi maghdud dan kollu u mir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni, dik ta' frodi, altru` li giet ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi l-addebitu tar-recidiva ma giex pruvat lanqas remotament mill-prosekuzzjoni, ghalkemm mill-fedina penali esebita jirrizulta ampjament li l-imputat mhux xi *first time-offender* u nstab hati diversi drabi *inter alia* fuq frodi.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, l-fedina penali tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikolu 308 u 310(1)(a)[56] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas lill-parte leza s-somma ta' €11,016 rapprezentanti kumpens u danni sofferti mill-parte leza.[57]

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

---

[55] Fol.164 u 170

[56] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' priguneria minn tlettax il-xahar sa seba snin.

[57] €13,516 li minnhom tnaqqas l-ammont ta' €2,500 imhallas permezz ta' Western Union; vide fol.48

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**